




# Il-Barklori

*Josef Azzopardi - Viċi Sindku, Kunsill Lokali Marsa*

Il-Marsa hija lokalità marbuta mal-baħar, b'mod speċjali mal-ħafna ħidma li l-Port il-Kbir kien joffri fis-seklu 20. Kien f'dan il-perjodu tal-Kolonjaliżmu Brittaniku li l-lokalità tagħna kibret. Il-bastimenti Ingliżi u tal-Imperu vast tagħhom kienu jsorġu fil-portijiet tagħna u magħhom kienu jġibu numru kbir ta' baħrin u merkanzija. Il-bastimenti kienu jankraw fin-nofs tal-Port il-Kbir u l-baħrin u kull min ikun fuq il-bastiment ried jirkeb dgħajsa li tieħdu sax-xatt. B'dan il-mod numru kbir ta' nies li kienu jgħixu madwar il-Port il-Kbir kienu jaħdmu bħala barklora. Il-barklor kien ikollu ħafna xogħol u prattikament kien *taxi* fuq il-baħar.

***Il-Menqa bid-dgħajjes tal-Barklori***



Il-barklor kien marbut b'sett ta' regoli u liġijiet. Ma setax jagħmel li jrid. Fil-fatt il-liġijiet imorru lura sa żmien il-Kavallieri, tant li nsibu referenzi għal dawn ir-regoli fi żmien il-Gran Mastru Manoel De Vilhena (1724) u l-Gran Mastru Emmanuel De Rohan (1784). Dak iż-żmien kien hemm liġijiet biex kemm jista' jkun ma jħallux skjavi jaħarbu minn Malta. Ftit wara li ġew l-Ingliżi, fl-1817, ġew ippubblikati liġijiet u regoli biex ikun hemm kontroll fuq il-barklora u l-propjetarji tad-dgħajjes. Ir-regoli kienu preċiżi dwar it-tariffa li wieħed kellu jħallas tas-servizz. Anki l-post u minn liema moll kien jingħata s-servizz kien hemm imniżżel.

Id-dgħajjes kienu jkunu rreġistrati u l-barklor jew min iħaddem lill-barklori kien iħallas il-liċenzja tad-dgħajjes billi jinkiteb ismu, isem missieru u l-post minn fejn kien.

Fir-Regatta tat-8 ta' Settembru u aktar tard meta daħlet ir-Regatta tal-31 ta' Marzu, kienu jkunu dawn il-barklora li jaqilgħu l-ħobża ta' kuljum mix-xogħol tagħhom li bdew jisfidaw lil xulxin skont il-lokalità li magħha kienu jaqdfu. Il-mestier tagħhom kien biżżejjed biex ikunu ppreparati għat-tlielaq. Dan għall-kuntrarju tal-lum fejn il-qaddiefa li jaqdfu fir-Regatta jagħmlu dan apparti x-xogħol personali li jkollhom. Għalhekk il-qaddiefa tal-lum ikollhom bżonn ħafna taħriġ kemm fiżiku kif ukoll fil-manuvrar tal-opri differenti li jipparteċipaw fir-Regatta.

Fil-passat mijiet ta' opri tal-baħar kienu jimlew il-Port il-Kbir. Il-flotta tal-Mediterran tal-Imperu Brittaniku kienet ibbażata f'Malta u d-dehra ta' madwar sitt *destroyers* fil-portijiet tagħna ma kinitx ħaġa rari. Madwar il-portijiet, f'kull post li kien ikun hemm battal kien jinfetaħ ħanut u bosta familji sabu l-għajxien tagħhom permezz tal-flotta Ingliża. Il-baħrin kienu jinżlu minn fuq il-vapuri u jitwasslu x-xatt permezz tad-dgħajjes. Ix-xogħol tal-barklor kien idum anki sa tard billejl għaliex wara li l-baħrin u s-suldati Ingliżi jkunu ddivertew fil-ħwienet jew fit-*talkies* kienu jitwasslu lura lejn il-bastimenti. Xi wħud mill-barklora kienu saħansitra jkunu ordnati bħala xogħol ma' xi ħadd importanti jew inkella jkollhom *timetable* fissa meta xi uffiċjal ikun xogħol u allura l-barklor kien jieħu ħsieb jieħdu min-naħa għall-oħra tal-port. Meta xi uffiċjal imur tajjeb u jkun kuntent bix-xogħol tal-barklor mhux l-ewwel darba li kien jiktiblu ittra ta' rakkomandazzjoni biex jużaha ħalli jkollu aktar xogħol.



Persuna marbuta sew ma' dan il-mestier hija Tony Camilleri magħruf bħala 'il-Kukla'. Camilleri huwa marbut mal-Marsa għaliex kien parti mill-ekwipaġġ li fil-Marsa ġab għall-ewwel darba x-*shield* fl-1967. Minbarra li għen biex intrebaħ dan l-unur prestiġjuż, Tony huwa wkoll meqjus bħala eroj, għalkemm għadu mhux daqstant magħruf. Jidher li Tony qatt ma ġie rikonoxxut għall-qlubija li wera waqt iż-żmien kiefer tat-Tieni Gwerra Dinjija u din hija ħasra.

F'dak iż-żmien Tony kien jaħdem mal-vapur merkantili SS Dido. Waqt li l-SS Dido kien fin-*North Sea*, u għalhekk fil-qilla tal-battalja għax dan il-baħar jifred lill-Ingilterra mill-Ġermanja li kienu għedewwa, seħħet traġedja fis-17 ta' Settembru 1939 meta l-*aircraft carrier* HMS Courageous kienet attakkata minn *U-boat* Ġermaniż. Jidher li f'madwar 15-il minuta l-bastiment għereq u 519-il persuna, inkluż il-Kaptan W. T. Makeig-Jones, għerqu miegħu.

L-SS Dido li kellu biss żewġ dgħajjes tas-salvataġġ beda jgħin waqt dik it-traġedja. Tony Camilleri kien qed jimmanuvra dgħajsa mit-tnejn li kien hemm u beda jtella' kemm jista' nies fiha ħalli jsalvalhom ħajjithom. Fil-fatt jidher li b'kollox ġabar madwar mitt ruħ u saħansitra niżel xi darbtejn mid-dgħajsa biex isalva lil dawk li kienu qed jegħrqu. Huwa jistħoqqlu li jibqa' magħruf għall-qlubija li wettaq, aktar u aktar għaliex f'dak il-ħin ma tax kas ta' ħajtu tant li wara li kien għajjien jikkumbatti mal-mewġ huwa xorta qabeż il-baħar biex isalva fizzjal.



Jien u nikteb dan l-artiklu dħalt fil-YouTube u sibt il-filmat tal-HMS Courageous qed jegħreq. Però l-aktar li hu interessanti huma l-filmati li fihom jitkellmu dawk li salvaw u jsemmu li kienu salvati mill-SS Dido fost l-oħrajn.

L-istorja tal-lokalità tagħna hija waħda għanja ħafna u huwa sabiħ li aħna l-Marsin niftakru fil-ħidma u s-snajja' ta' missirijietna. Kienu dawn in-nies li sawru u taw il-karattru tal-Marsa tagħna. Nies li ġew minn ħafna lokalitajiet oħra, saħansitra minn Għawdex, bnew il-komunità Marsija madwar il-Menqa tal-Marsa. Meta taħseb dwar il-mestier u s-sengħa tal-barklor, wieħed jiddispjaċih li kulma jmur qiegħda dejjem tonqos u li tara dgħajjes tradizzjonali fil-portijiet qed tkun rarità. Fl-istess ħin, iżda, wieħed japprezza li fadal il-klabbs tar-Regatta li għadhom jgħallmu liż-żgħażagħ tagħna f'din it-tradizzjoni li aħna lkoll għandna nħossuna responsabbli li nissalvagwardjawha.


*Ref:*

*Artiklu ta' Guido Lanfranco – Il-Barklor Tony Camilleri*

*Artiklu minn tvm.com.mt – Ir-rakkonti tal-barklor Malti dwar il-baħrin u l-uffiċjali tal-flotta Ingliża*

*Artiklu ta' Lorenzo Zahra – Tifkiriet mill-Imgħoddi: Il-Barklori*

*Artiklu ta' Joseph Muscat – Id-dgħajjes tradizzjonali Maltin*

*Artiklu minn tvm.com.mt – Baqa' biss madwar 12-il dgħajsa tal-pass*

*Is-sengħa tal-bini tad-dgħajjes f'Malta u f'Għawdex – Camenzuli Paul G., 1968*